MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 43/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Raymond CAUCHI [ID. Nru. 61361M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' hames mija u sebghin euro u seba' centezmi ta' euro [€570.07c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sebghin ewro u sebgha centezmi (570.07) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C51057682 moghtija mis-socjeta attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2012 fejn id-difensur ta’ l-intimat talab li jinghata terminu sabiex huwa jkun jista jipprezenta risposta ghat-talba odjerna. Ra d-digriet tieghu moghti seduta stante fejn it-Tribunal laqa’ t-talba u ta terminu ta’ ghoxrin jum biex tigi pprezentata tali risposta. Ra li l-intimat baqa ma pprezenta l-ebda risposta fiz-zmien moghti lilu la bil-ligi u lanqas mit-Tribunal.

Ra l-verbal tal-14 ta’ Novembru, 2012 u li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

Permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat, tas-somma ta’ hames mija u sebghin euro u sebgha centezmi ta’ euro (€570.07) u dan ghall-uzu ta’ servizz ipprovdut mis-socjeta rikorrenti lilu skond ma jirrizulta mill-kuntratt numru 51057682. L-intimat baqa qatt ma pprezenta risposta ghat-talba tas-socjeta rikorrenti minkejja li t-Tribunal kien ta terminu ta’ ghoxrin jum fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2012 biex jaghmel dan. Minkejja dan pero, l-intimat, minn meta gie notifikat bit-Talba odjerna, dejjem attenda ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal u l-kontestazzjoni tieghu dejjem kienet fis-sens li huwa ma ghandhu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex il-firma fuq il-kuntratt li gie esebit mis-socjeta rikorrenti f’dan il-kaz ma hijiex tieghu.

Fis-seduta tat-12 ta’ Gunju, 2012 l-intimat esebixxa dokument u cioe ittra u ricevuta mmarkata bhala dok. NC1 li turi li fl-14 ta’ Awwissu, 2010 huwa kien hallas is-somma ta’ sitt mija u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu ta’ euro (€620.29) fuq il-kont bin-numru 492457. Il-kont

indikat fit-Talba odjerna huwa totalment differenti minn dan l-ahhar numru.

Fis-seduta ta’ l-14 ta’ Gunju, 2012 xehdet Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalet li l-ammont muri fid-dok. NC1 (fol. 11) kien jirrigwarda pagament ghan-numru cellulari 79311089, liema numru kien inghata lill-intimat permezz ta’ kuntratt numru 492457. Ziedet tghid li fl-14 ta’ Awwissu, 2010 kien sar il-pagament indikat f’dan id-dokument ta’ €620.29c. Minhabba li kien hemm dan il-kont pendenti, s-servizz kien twaqqaf mis-socjeta rikorrenti. Sussegwentement l-intimat reggha inghata l-istess numru tac-cellulari pero b’kuntratt gdid li jgib in-numru 51057682. Ix-xhud qalet ukoll li “*is-servizz rega beda u kompla jintuza mill-1 ta’ Gunju tas-sena 2010 – Ottubru, 2011 fejn reggha nqatgha ghaliex ma kienx hemm pagamenti*” (fol. 13). Il-kontijiet ghal dan il-perjodu, tghid ix-xhud, “... *telghu ghal sitt mija u wiehed u erbghin ewro tnejn u hamsin centezmu*” (€641.52c). Ir-rapprezentata tas-socjeta rikorrenti ghaddiet biex esebiet *statement of account* (dok. SE 1) li jikkonferma dan l-ammont.

Fis-seduta ta’ l-14 ta’ Novembru, 2012 xehed l-intimat Raymond Cauchi. Huwa beda biex qal li Raymond Cauchi msemmi fuq *is-subscription order form* u li tinsab esebita a fol. 17 tal-process ma huwiex hu. Kompla jghid li “*...n-numru tal-karta tal-identita tieghi huwa 061361M mentri n-numru tal-karta ta’ l-identita fuq dan id-dokument huwa 515589M*”. L-istess haga, stqarr l-intimat, fir-rigward tal-firma. Fil-fatt huwa ghadda biex esebixxa kopja tal-karta ta’ l-identita li turi l-firma tieghu kif solitament issir. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk jafx minn hi Annabel Ellul huwa stqarr li ma jafx min hi. L-istess haga stqarr, u cioe li huwa ma ghandu x’jaqsam xejn, meta gie mistoqsi jekk huwa ghandux xi involvement dirett jew indirett ma Epcon Investments Limited. L-unici zewg punti li hemm fuq is-*subscription order form* li hija familjari ma’ l-intimat huma l-indirizz tad-dar residenzjali tieghu u cioe 33, Triq l-Imdina, Qormi u n-numru tat-telefon tal-fond residenzjali tieghu. Finalment l-intimat ighid li “*...dan l-ammont ma ghandix intih u li din is-subscription order form ghalkemm hemm l-*

*indirizz tieghi u t-telefown number tad-dar tieghi l-kumplament tad-dettalji ma humiex tieghi. Raymond Cuachi jiena biss hemm go dan l-indirizz*".

Ikkunsidra ulterjorment;

It-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta rikorrenti ma rnexxielix tipprova li l-persuna li ffirmata fuq is-*subscription order form* (fol. 17) hija l-intimat. Il-firma li hemm fuq il-karta ta' l-identita esebita mill-intimat fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2012 u l-firma fuq is-*subscription order form* huma totalment differenti. Apparti minn hekk, l-intimat ikkonferma bil-gurament tieghu li l-persuna l-ohra li hemm fuq is-*subscription order form* u cioe dik Annabelle Ellul huwa ma jafhiex kif lanqas ma ghandu xi konnessjoni diretta jew indiretta mas-socjeta EBCON Investments Limited li skond l-istess *subscription order form* hija l-klijent.

Ghalhekk f'dan l-istat ta' dubbju, t-tribunal ma jistax jasal ghal konkluzzjoni li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat odjern.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------